MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2009

Numru. 622/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian Joseph Abdilla]**

**vs**

**Rosianne Micallef**

Illum 27 ta’ Gunju, 2009,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Rosianne Micallef ta’ 20 sena, bint John u Anna nee’ Schembri, imwielda Pieta’ fis-17 ta’ Settembru 1988, u li toqghod f’ Palm, Flat Numru 1, Triq Filippu Farrugia Zurrieq, detentrici tal-Karta ta’l- Identita’ bin-numru 437788M.

Akkuzata talli f’ Gunju 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,

izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. fil-kapacita taghha ta' pustiera mal-MaltaPost plc, ikkomettiet serq ta' diversi ittri u l-kontenut taghhom, liema serq sar ghad-dannu ta' diversi persuni li joqghodu fl-akkwati ta' tas-Sliema, liema serq ghandu valur ta' iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa wkoll ikwalifikat bil-persuna;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kapacita taghha ta' pustiera mal-MaltaPost plc, approprjat ruha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' iktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' diversi persuni li joqghodu fl-akkwati ta' tas-Sliema, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lillha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju.

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-istabiliment K-Optics u ta' l-HSBC Bank Malta plc;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Stella Maris Co. Ltd. u ta’ l-HSBC Bank Malta plc;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Ganni Court Association u tal-Bank of Valletta plc;

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ anqas minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta’ diversi persuni li joqghodu fl-akkwati ta’ tas-Sliema;

7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet ta’ l-HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni lill-istabiliment K-Optics, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella

billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

8. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet ta’ l-HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni ghal-kumpanija Stella Maris Co. Ltd, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

9. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet ta’ l-Bank of Valletta plc, li jippartjeni ghal Ganni Court Association, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

10. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet ta’ l-HSBC Bank Malta plc, li jippartjeni ghal-kumpanija JAG (Imports) Ltd. Ltd, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati,

inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamlet uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

11. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li ikun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom liema oggetti gejjin mir-reat ta' serq;

12. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kors ta' l-impieg taghha ta' pustiera mal-MaltaPost plc, zammet, minghajr ma kellha awtorità taht l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254 tal-Ligijiet ta' Malta) jew b'ordni ta' qorti kompetenti, xi oggett postali waqt it-tragitt tieghu bil-posta, jew bhala ufficjal ta' operatur postali jew xi vettura li tkun qed iggorr xkejjer tal-posta jew oggetti postali, jew b'xi skuza fethet xkora tal-valigga waqt it-tragitt taghha bil-posta, jew naqset li tibghat lura lill-operatur postali oggett postali kif mehtieg bil-*proviso* ghall-Artikolu 42(d) ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254 tal-Ligijiet ta' Malta);

13. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kors ta' l-impieg taghha ta' pustiera mal-MaltaPost plc, b'qerq fethet jew gieghelet li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi ikkunsinnat, jew b'qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali tkun impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

14. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fil-kors ta' l-impieg taghha ta' pustiera mal-MaltaPost plc, bhala ufficjal ta' operatur postali, ghagixxiet bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li ssir skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 30 ta' l-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 261(c)(d), 267, 268, 293, 294, 308, 309, 310, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 73, 74, u 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-hdax il-imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq.

Rat li waqt din l-istess udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonjiet kollha hlif ghall-hdax il-imputazzjoni u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-hdax il-imputazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq li giet ammessa mill-imputata; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra kollha gew ammessi mill-imputata; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi bla dubbju ta’ xejn l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom l-imputata qed tinstab hatja u d-danni sofferti mill-vittmi ta’l-atti frawdolenti taghha kif ukoll l-inkonvenjent li holqot lil numru konsiderevoli ta’ nies li ma rcivewx il-posta taghhom.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-ko-operazzjoni ampja ta’l-imputata mal-pulizija li minghajrha ma kienux ser jaslu biex jiskopru l-entita ta’ l-agir ta’l-imputata u lanqas kienu jaslu biex irkupraw dik il-posta li kienet rikuperabbli. Fatturi ohra huma l-ammissjoni taghha f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali taghha li minnha jirrizulta sejbin ta’ htija darba ohra biss fis-sena 2006 fejn l-imputazzjoni kienet relatata ma’ l-abbuz tad-droga.

Illi fattur iehor importanti hafna huwa propju din il-problema li ghandha l-imputata b’l-abbuz tad-droga. Kienet propju din il-problema li wasslietha biex tikkommetti dawn ir-reati. L-imputata pero kienet lesta tassumi ir-responabbilta ta’l-agir taghha tant li ma esigietx li l-kuntratt ta’ xoghol taghha mal-MaltaPost plc jigi mgedded biex b’hekk tkun tista’ tibda programm ta’ riabilitazzjoni u fil-fatt minn jeddha bdiet tali programm.

Illi huwa relevanti li l-imputata ilha tikkumbatti ma’ din il-problema tad-droga tant li diga bdiet programm ta’ riabilitazzjoni darbtejn ohra qabel. Huwa relevanti ukoll li z-zewg programmi li bdiet kompliethom sa tmiemhom b’ success, pero sfortunatament meta ssib ruhha minghajr supervizjoni eventwalment terga taqa’ fil-vizzju.

Illi tenut kont ta’ dan kollu l-Qorti hija tal-fehma li l-aktar li ghandha bzonn l-imputata hija ghajnuna biex verament telgheb dan il-vizzju qerriedi tad-droga b’supervizzjoni adegwata ghal zmien xieraq anke wara li tispicca l-programm biex forsi b’l-ghajnuna adegwata hija tkun kapaci tirrezisti anke fil-perjodu ta’ wara l-programm u tohrog darba ghal dejjem minn din il-problema. Naturalment il-Qorti trid tassigura li l-imputata tirrealizza ukoll li ma tistax tuza l-vizzju tad-droga biex tevita ir-

responsabbilta penali ta’l-agir taghha u li kwalunkwe opportunita li tinghata ser tinghathala b’l-intieza li hija ghandha verament u effettivament tirriforma ruhha u li fin-nuqqas hija ser ikollha taffacja il-konsegwenzi penali ta’l-agir taghha. Dan jista jsir jekk l-imputata tinghata sentenza ta’ prigunerija sospieza ghall-itwal zmien permess mill-Ligi b’supervizzjoni ta’ufficjal tal-probation tul dan iz-zmien kollu.

Illi biex l-Qorti tkun tista’ tghati sentenza ta’ prigunerija sospieza il-perjodu ta’ prigunerija ma jistax ikun ta’ aktar minn sentejn. Fil-kaz in ezami l-piena minima li tista’ tinghata anke b’applikazzjoni ta’l-artikoli 17 u 18 tal-Kap 9 teccedi sentejn u konsegwentement jidher jkunx jistgha jigi applikat l-artikolu 28A.

Illi minkejja dan, u tenut kont ta’l-eta ta’l-imputata (hija ghandha biss ghoxrin sena) u f’nuqqas ta’ fedina penali allarmanti, il-Qorti tibqa’ tal-fehma li l-imputata ghandha tinghata l-ahhar opportunita biex terga taghmel programm u, bis-supervizzjoni fuq imsemmija, effettivament teghleb il-vizzju tad-droga ghaliex finalment dan huwa mhux biss f’l-interess ta’l-imputata imma anke f’l-interess tas-socjeta in generali.

Illi ghal dawn ir-ragunjiet  il-Qorti qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u timponi piena li tippermetti li tinghata sentenza ta’ prigunerija sospieza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hdax il-imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ serq, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 261(c)(d), 267, 268, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 73, 74, u 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 21 tal-Kap 9 tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28G tal-Kap 9 qed tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ supervizzjoni ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni

mghoti kontestwalment inkluz dik li tibda u tkompli sa tmienu programm ta’ riabilitazzjoni. Il-Qorti qed tinnomina lill-Probation Officer Marilyn Attard bhala ufficjal sorveljanti.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x’jigri jekk hija tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha (4) snin u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------